

**Brussell, 11 ta' Diċembru 2024
(OR. en)**

16668/24

POLGEN 164

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Immexxu l-Aġenda Strateġika 'l quddiem Programm ta' 18-il xahar tal-Kunsill (1 ta' Jannar 2025 - 30 ta' Ġunju 2026)

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-programm ta' 18-il xahar tal-Kunsill, imħejji mill-Presidenza Pollakka, Daniża u dik Ċiprijotta futuri u mir-Rappreżentant Għoli, President tal-Kunsill Affarijiet Barranin.

Il-programm

I. INTRODUZZJONI

Filwaqt li jibni fuq l-aġenda strateġika 2024-2029, it-triju ta' Presidenzi - il-Polonja, id-Danimarka u Ċipru - jikkommetti ruħu li jmessi l-ħidma tal-Kunsill fil-bidu ta' dan iċ-ċiklu istituzzjonali ġdid fil-konfront ta' sfidi u pressjoni ġeopolitika mingħajr preċedent fuq l-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u s-sitwazzjoni drammatika fil-Lvant Nofsani, li għandhom impatt fuq il-politiki tal-UE b'mod ġenerali.

It-triju ser iniedi l-ħidma fuq il-Qafas Finanzjarju Pluriennali wara l-2027, li ser ikollu jirrifletti l-prijoritajiet fl-aġenda strateġika 2024-2029.

It-triju ser iżomm l-isforzi biex jissaħħa id-djalogu mas-soċjetà ċivili u maċ-ċittadini, b'mod partikolari ż-żgħażaġh, flimkien mal-istituzzjonijiet tal-UE fi ħdan il-kompetenzi tagħhom.

II. EWROPA B'SAĦĦITHA U SIGURA

Azzjoni esterna koerenti u influwenti

Fil-kuntest tat-tensjonijiet globali, it-triju jemmen bis-siħ li l-Unjoni jeħtieġ li tadatta għall-kuntest ġeopolitiku multipolari l-ġdid u tasserixxi r-rwol tagħha bħala attur globali, filwaqt li tiddefendi sistema multilaterali bbażata fuq ir-regoli msejsa fuq il-Karta tan-NU, filwaqt li tippromwovi b'mod attiv ir-rispett siħ għad-dritt internazzjonali, inkluż ir-rispett għas-sovranià, l-integrità territorjali u d-drittijiet tal-bniedem għal kulħadd.

It-triju ser jagħti prijetà lill-involvement tal-UE mas-sħab fil-livell globali, filwaqt li jippromwovi l-kooperazzjoni internazzjonali biex jiġu indirizzati l-isfidi kondiviżi u jiżviluppa sħubijiet strateġiċi ta' benefiċċju reċiproku, inkluż permezz tal-implimentazzjoni tal-Global Gateway, u b'hekk jiżgura l-awtonomija strateġika miftuħa, is-sigurtà ekonomika u r-reżiljenza, u t-tmexxija teknoloġika tal-Unjoni, filwaqt li jsegwi l-approċċ ta' Tim Ewropa.

It-triju ser ikollu l-għan li jiżgura li jkompli jingħata appoġġ politiku, ekonomiku, militari, enerġetiku, finanzjarju u umanitarju sod lill-Ukrajna, li qed tiffaċċa aggressjoni mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja, sakemm ikun hemm bżonn u fil-qafas tal-oġġettivi usa' tal-promozzjoni tal-paċi, is-sigurtà, l-istabbiltà, il-governanza tajba u l-prosperità fil-viċinat tal-Lvant. It-triju jikkommetti ruħu wkoll li l-UE u l-Istati Membri tagħha jipprovdu assistenza umanitarja ulterjuri u jikkoordinaw l-appoġġ finanzjarju fit-tul immirat lejn it-tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' difiża, ir-reżiljenza u r-rikostruzzjoni tal-Ukrajna. Ser naħdmu wkoll fuq sanzjonijiet u biex insaħħu u nintensifikaw il-ġlieda kontra ċ-ċirkomvenzjoni tagħhom.

Fid-dawl tal-kunflitt li għaddej bħalissa f'Gaza u l-eskalazzjoni fir-reġjun usa', li ser ikollhom impatt fuq l-istabbiltà u s-sigurtà tar-reġjun għas-snin li ġejjin, b'riperkussjonijiet fuq l-UE stess, it-triju ser jippromwovi rispons Ewropew kredibbli u koerenti, li jiffoka fuq iż-żieda tal-assistenza umanitarja, il-promozzjoni ta' paċi sostenibbli u l-appoġġ għar-riformi u l-isforzi ta' rikostruzzjoni, flimkien mas-sħab.

L-UE ser tiżviluppa kooperazzjoni mfassla apposta mas-sħab fil-viċinat tal-Lvant, b'mod partikolari mal-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant. L-ambitu ta' din il-kooperazzjoni ser jiddependi fuq ir-rieda u l-kapaċità ta' kull pajjiż. Approċċ bħal dan għandu jagħmilha possibbli li jintuża l-potenzjal sħiħ tal-kooperazzjoni mas-sħab li huma l-aktar lesti u kapaċi, bħall-Ukrajna u l-Moldova, inkluż fil-kuntest tat-tkabbir tal-UE.

Fir-rigward tal-viċinat tan-Nofsinhar tal-UE, it-triju ser jagħti spinta ġdida lill-impenn tal-UE li terġa' tniedi u tiżviluppa aktar din is-sħubija strateġika. Sħubija Mediterranja msaħħa tibqa' bżonn kruċjali għall-UE, peress li l-isfidi konġunti jeħtieġu rispons komuni.

It-triju ser jagħti prijorità lill-kooperazzjoni mas-sħab trans-Atlantiċi, filwaqt li jissottolinja l-importanza ta' sħubija strateġika kontinwa, ta' benefiċċju reċiproku u reżiljenti mal-Istati Uniti, mibnija fuq l-aġenda trans-Atlantika b'saħħitha tagħna u msejsa fuq il-valuri demokratiċi u l-interessi komuni kondiviżi tagħna, b'rispett sħiħ tal-prinċipji stabbiliti fit-Trattati u mill-Kunsill Ewropew. Il-viċinat immedjat tal-UE u r-relazzjonijiet ma' organizzazzjonijiet reġjonali, bħall-Kunsill ta' Kooperazzjoni tal-Golf (GCC), l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA), l-Unjoni Afrikana, il-Komunità ta' Stati tal-Amerka Latina u tal-Karibew (CELAC), u l-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja (ASEAN), huma prijoritajiet importanti għat-triju. Is-sħab tat-triju jistennu ukoll b'interess li jesploraw modi kif japprofondixxu r-relazzjonijiet mar-Renju Unit, filwaqt li jibnu fuq ftehimiet eżistenti, kif ukoll iżidu l-involvement fir-reġjun Indo-Paċifiku.

It-triju ser isegwi politika kummerċjali ambizzjuża, miftuħa, robusta u sostenibbli, kemm permezz ta' ftehimiet bilaterali kif ukoll permezz tar-restawr tas-sistema kummerċjali multilaterali bbażata fuq ir-regoli, bl-inklużjoni tad-WTO. F'dan ir-rigward, it-triju ser jiffoka fuq it-tnaqqis tal-vulnerabbiltà tal-Unjoni għad-dipendenzi esterni strateġiċi u fuq id-diversifikazzjoni u l-iżgurar ta' ktajjen tal-provvista strateġiċi. F'dak il-kuntest, ser tiġi indirizzata wkoll is-sigurtà marittima, inkluż fil-Baħar l-Aħmar, fil-Baħar l-Iswed u fil-Baħar Baltiku.

Azzjoni strateġika dwar is-sigurtà u d-difiża

It-triju ser jimmobilizza l-istrumenti kollha biex jikkontribwixxi għall-iżgurar tas-sigurtà taċ-ċittadini, inkluż il-prevenzjoni u l-għieda kontra l-kriminalità online u offline, it-tisħiħ ulterjuri tal-isforzi biex jiġu identifikati u miġġielda t-terroriżmu, l-estremiżmu vjolenti u l-kriminalità serja u organizzata u l-korruzzjoni bl-użu tal-għodod rilevanti kollha tal-infurzar tal-liġi u tal-kooperazzjoni ġudizzjarja.

It-triju ser jaħdem ukoll biex itejjeb it-tnejn u r-reżiljenza fir-rispons għal diżastri naturali, u għal theddid ġdid u emerġenti, inkluż attakki ċibernetiċi u ibridi, għall-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-interferenza minn barranin (inkluż fil-kuntest ta' elezzjonijiet), u għall-istrumentalizzazzjoni tal-migrazzjoni. Ser jagħmel ħiltu wkoll biex jiġġieled it-theddid għall-infrastruttura kritika tal-UE u jipproteġi lill-Unjoni kontra żvelar tat-teknoloġija kritika.

It-triju ser jaħdem fuq it-tisħiħ tal-istat ta' tħejja u l-kapaċità fir-rigward tad-difiża tal-Unjoni biex hija terfa' r-responsabbiltà għas-sigurtà u d-difiża tagħha stess u taġixxi fil-kuntest ta' theddid militari bla preċedent fil-fruntieri tagħha u lil hinn minnhom.

F'dan il-kuntest, it-triju ser jeżamina l-possibbiltà li jiżdied l-investment fid-difiża. Ser nesploraw ukoll l-investment fl-innovazzjoni fid-difiża u l-iżvilupp tal-kapaċità ta' produzzjoni tal-industrija tad-difiża tal-UE, inkluż fl-Ukrajna, l-infrastruttura kritika militari u b'użu doppju u s-sigurtà tal-provvista, u l-iżvilupp ta' suq tad-difiża integrat aħjar. Ir-rwol tal-Bank Ewropew tal-Investment ser jiġbqa' kruċjali biex l-industrija tad-difiża tal-Ewropa tissaħħaħ permezz ta' firxa ta' strumenti finanzjarji.

It-triju ser imexxi 'l quddiem l-isforzi tal-Unjoni fuq proġetti ewlenin u inizjattivi ta' difiża li jkunu ta' interess komuni madwar l-UE.

It-triju ser jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-kompiti tal-Boxxla Strateġika tal-UE għall-2025.

It-triju ser jippromwovi kooperazzjoni inklużiva u ta' benefiċċju reċiproku man-NATO, filwaqt li jaħdem mal-Istati Membri kollha tal-UE u għall-benefiċċju tagħhom, jiżgura l-inklużività, it-trasparenza, ir-reċiproċità, ir-rispett għall-awtonomija tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE, u jqis l-interessi tas-sigurtà u tad-difiża tal-Istati Membri kollha.

Approċċ komprensiv għall-migrazzjoni u l-ġestjoni tal-fruntieri

It-triju jirrikonoxxi l-ħtieġa li tiġi indirizzata l-migrazzjoni irregolari lejn l-UE, kif ukoll li tiġi żgurata sistema komuni tal-ażil u l-migrazzjoni li taħdem b'mod sħiħ u effettiv, u ser jistinka biex juża bl-aħjar mod is-soluzzjonijiet legali u prattiċi f'dan il-qasam, inkluż l-implimentazzjoni tal-patt dwar il-migrazzjoni u l-ażil.

It-triju ser jagħti prijorità lil azzjoni determinata dwar il-protezzjoni u t-tiżiħ tal-fruntieri esterni tal-UE b'mod effettiv bil-mezzi kollha disponibbli, il-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' bnedmin kif ukoll it-theddid ibridu, inkluż l-istrumentalizzazzjoni tal-migrazzjoni. It-triju ser jaħdem biex jesplora modi ġodda għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra movimenti ta' migrazzjoni irregolari lejn l-Ewropa.

It-triju ser jagħti wkoll prijorità lill-ħidma fuq l-iffaċilitar, iż-żieda u t-tħaffif tar-ritorni, inkluż dak kollu li għandha x'toffri l-UE biex jintlaħqu l-għanijiet tagħha, u d-dimensjoni esterna tal-migrazzjoni f'approċċ tar-rotot kollha u ta' rotta sħiħa, b'mod partikolari billi jistabbilixxi sħubijiet komprensivi ma' pajjiżi ewlenin ta' oriġini u ta' tranżitu b'mod ta' benefiċċju reċiproku. B'mod parallel, it-triju ser jaħdem biex jiżgura approċċ strateġiku għall-applikazzjoni tal-politika tal-UE dwar il-viżi kif ukoll kooperazzjoni dwar il-perkorsi legali, f'konformità mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol nazzjonali u d-diviżjoni tal-kompetenzi bejn l-UE u l-Istati Membri, filwaqt li jindirizza l-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni irregolari.

It-triju ser jaħdem fuq il-funzjonament bla xkiel taż-żona Schengen biex jiġi żgurat li ċ-ċittadini jkunu jistgħu jiċċaqilqu b'mod ħieles u mingħajr periklu fl-UE.

Tkabbir u riformi interni mħejjija tajjeb

It-triju ser jibni fuq l-ispinta mogħtija min-negozjati tal-adeżjoni mal-pajjiżi kandidati bħala investiment ġeostrateġiku fil-paċi, is-sigurtà, l-istabbiltà u l-prosperità. Filwaqt li jiddependi fuq il-valuri komuni u l-prinċipji fundamentali tal-UE, it-triju ser jaħdem biex jitmexxew 'il quddiem in-negozjati tal-adeżjoni, skont approċċ ibbażat fuq il-mertu għall-adeżjoni mal-UE għall-pajjiżi kandidati kollha, u biex jagħtihom appoġġ biex jissodisfaw il-kriterji tal-adeżjoni abbażi ta' kundizzjonalità pożittiva u negattiva rigoruża f'konformità mal-metodoloġija l-għdida. Fejn applikabbli, it-triju ser jeżamina wkoll il-possibbiltajiet biex titmexxa 'l quddiem l-integrazzjoni gradwali tal-pajjiżi kandidati u l-kooperazzjoni magħhom f'oqsma politiċi oħra tal-UE f'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2023.

Fl-istess waqt, it-triju ser ikompli bl-isforzi biex jitwettqu r-riformi interni meħtieġa tal-UE biex jiġi żgurat li l-politiki, il-finanzi u l-istituzzjonijiet tagħna jkunu adatti għall-futur.

III. EWROPA GĦANJA U KOMPETITTIVA

Approċċ integrat għall-kompetittività

It-triju ser jaħdem fuq it-tisħiħ tal-kompetittività u l-produttività fit-tul tal-Unjoni, kif ukoll it-tkabbir sostenibbli u inklużiv, sabiex tissaħħaħ is-sovranià tal-Unjoni tagħna fis-setturi strateġiċi, tiġi promossa ekonomija miftuħa, jinħolqu impjiegi tajbin, jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tar-reġjuni Ewropej, u jingħata kontribut biex tinbena politika industrijali għall-Unjoni li tkun adattata għall-futur. Dan ser jgħin biex jitnaqqsu d-dipendenzi tal-UE, tizzied ir-reżiljenza tagħna, u tinbena sigurtà ekonomika. It-triju ser jaħdem biex jippromwovi l-kapaċitajiet tal-UE fit-teknoloġiji ewlenin tal-futur u l-investimenti fl-infrastruttura ewlenija biex l-operaturi Ewropej ikunu jistgħu jikkompetu globalment u jaħtfu l-opportunitajiet ta' ekonomija newtrali għall-klima, diġitali u ċirkolari. It-triju ser jippromwovi l-politiki u l-investimenti tal-UE fir-rigward tal-ħiliet bil-ħsieb li tingħata spinta lill-kapaċità tal-innovazzjoni tal-UE u jiġu eliminati d-diskrepanzi fil-ħiliet.

It-triju ser jiżgura li jsir progress fir-riformi strutturali fl-Istati Membri fil-qafas tas-Semestru Ewropew u ser ikompli bl-isforzi biex japprofondixxi s-Suq Uniku fid-dimensjonijiet kollha tiegħu b'mod partikolari billi jneħħi l-ostakli għas-servizzi u l-oġġetti essenzjali, u billi jiżgura kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni. Ser jaħdem biex iwettaq l-istrateġija orizzontali l-għdida għal Suq Uniku modernizzat. It-triju ser jistinka wkoll biex inaqqas il-piż amministrattiv u regolatorju, b'mod partikolari għall-intrapriżi żgħir u ta' daqs medju (SMEs). Ser issir enfasi fuq l-approfondiment ulterjuri tal-oqsma tal-enerġija, il-finanzi u t-telekomunikazzjoni. It-triju ser ikompli wkoll il-ħidma fuq it-tisħiħ tal-kompetittività tas-settur tat-trasport.

It-triju ser imexxi 'l quddiem il-ħidma dwar id-dwana, u dwar il-ġlieda kontra l-evazzjoni u l-evitar tat-taxxa.

Sabiex jiġi mobilizzat l-investiment pubbliku u privat, it-triju ser ikompli bl-isforzi biex l-Unjoni tas-Swieq Kapitali tiġi żviluppata u approfondita aktar, f'konformità mal-prijoritajiet identifikati, u biex l-Unjoni Bankarja titlesta. Il-ħolqien ta' Swieq Kapitali Ewropej taseww integrati jkun strumentali biex il-kumpaniji Ewropej kollha jingħataw aċċess għal finanzjament aktar diversifikat b'kostijiet aktar baxxi u biex jiġi mobilizzat l-ammont sostanzjali ta' investiment privat meħtieġ biex jiġu indirizzati l-isfidi, b'mod partikolari t-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali u l-ħtiġijiet tal-industrija Ewropea tad-difiża.

It-triju ser jistinka wkoll għal implimentazzjoni effettiva tal-qafas il-ġdid ta' governanza ekonomika biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà fiskali tal-Istati Membri u jiġi promoss it-tkabbir ekonomiku.

Nirnexxu fit-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali

It-triju ser jisfrutta t-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali biex joħloq is-swieq, l-industriji u l-impjiegi ta' kwalità għolja tal-futur. Dan ser irawwem il-kompetittività fit-tul tal-Unjoni u tal-kumpaniji tagħha u jagħmel lill-Ewropa mexxejja dinjija fl-industriji u t-teknoloġiji ekoloġiċi u diġitali, kif ukoll iżid is-sovranià enerġetika tal-Unjoni. It-triju ser imexxi 'l quddiem it-tranżizzjoni tal-Unjoni lejn in-newtralità klimatika sal-2050 billi jimplimenta l-leġislazzjoni attwali għall-2030 u jaħdem lejn mira klimatika tal-UE għall-2040, b'mod li jippromwovi l-ġustizzja, is-solidarjetà, il-kosteffettività u l-kompetittività, filwaqt li jagħti spinta lill-produttività u l-kapaċità ta' innovazzjoni tal-Ewropa u b'hekk jikkontribwixxi għall-prosperità tagħha. Ser ikompli wkoll bl-isforzi biex jiżgura t-tmexxija tal-UE fix-xena globali fil-kuntest tan-negozjati internazzjonali dwar il-klima u l-bijodiversità fil-COPs li ġejjin.

It-triju ser jaħdem biex ikompli jiżviluppa ekonomija aktar ċirkolari u effiċjenti fl-użu tar-riżorsi, inaqqas l-effetti negattivi tal-ambjent fuq is-saħħa, jippromwovi l-iżvilupp industrijali ta' teknoloġiji u prodotti nodfa u b'emissjonijiet zero netti, u jgawdi l-benefiċċji kollha tal-bijoekonomija filwaqt li jħares in-natura u jreġġa' lura d-degradazzjoni tal-ekosistemi, inkluż l-oċeani. Ser inżidu l-ħidma fuq l-adattament u r-reżiljenza għat-tibdil fil-klima, inkluż it-tnejn għal eventi ta' temp estrem, filwaqt li nsaħħu r-reżiljenza tal-ilma fl-Unjoni kollha fir-rigward tal-Pjan Ewropew ta' Adattament għat-Tibdil fil-Klima u l-Istrateġija Ewropea għar-Reżiljenza tal-Ilma.

It-triju ser jippromwovi setturi tal-agrikoltura, tas-sajd u tal-akkwakultura kompetittivi, sostenibbli u reżiljenti li ser ikompli jiżguraw is-sigurtà tal-ikel u introjtu ġust għall-bdiewa, u ser jistinka biex itejjeb il-pożizzjoni tal-bdiewa, tas-sajjeda u tal-produtturi fil-katina tal-provvista tal-ikel u fil-kuntest tat-tranżizzjoni doppja. It-triju ser jaħdem għall-iżvilupp integrat, is-sostenibbiltà u l-kompetittività taż-żoni rurali.

Ser tkompli l-ħidma biex tizzied is-sovranià enerġetika tal-Unjoni, biex jiġu minimizzati d-dipendenzi esterni u tinbena unjoni tal-enerġija ġenwina, filwaqt li tiġi żgurata l-provvista ta' enerġija abbondanti, affordabbli u nadifa. Dan ser jirrikjedi elettrifikazzjoni ambizzjuża, bl-użu tas-soluzzjonijiet kollha b'emissjonijiet żero netti u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, l-ġhoti ta' spinta lill-investiment fil-grilji, fil-ħżin u fl-interkonnnessjonijiet, it-tlestija tal-integrazzjoni tas-suq tal-enerġija, kif ukoll tnaqqis ulterjuri tal-piż amministrattiv billi jitħaffef l-ġhoti ta' permessi, inkluż fil-qasam tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli.

It-triju ser jappoġġa l-ħidma biex tittejjeb il-kapaċità tal-manifattura tal-Ewropa għal teknoloġiji u prodotti b'emissjonijiet żero netti. It-triju ser jagħti attenzjoni speċjali lit-titjib ulterjuri tal-kundizzjonijiet għall-investiment f'infrastruttura transfruntiera sigura u reżiljenti għall-enerġija, il-qbid, l-użu u l-ħżin tal-karbonju (CCUS), l-ilma, it-trasport u l-komunikazzjonijiet.

It-triju ser ikompli jaħdem lejn ekosistema diġitali sostenibbli, innovattiva u reżiljenti li tagħti s-setgħa liċ-ċittadini u lin-negozji. It-triju ser irawwem l-iżvilupp ta' teknoloġiji diġitali rivoluzzjonarji, jippromwovi l-interoperabbiltà tad-data u l-konnettività transfruntiera, u jħeġġeġ l-investiment f'infrastruttura diġitali mill-aktar avvanzata, sigura u effiċjenti, bħat-teknoloġiji kritiċi fl-Ewropa u t-teknoloġiji u s-servizzi diġitali, speċjalment l-intelliġenza artifiċjali. It-triju ser ikompli bl-isforzi biex jippromwovi l-istandards diġitali tal-UE u biex jiżgura kemm il-privatezza kif ukoll is-sigurtà online għaċ-ċittadini kollha, inkluż l-aċċess legali għad-data mill-infurzar tal-liġi. It-triju ser jikkontribwixxi għall-avvanz tar-rwol ta' tmexxija tal-Unjoni fl-iżvilupp ta' regoli u standards diġitali globali, pereżempju dwar l-intelliġenza artifiċjali. F'dan ir-rigward u biex jiġu indirizzati b'mod effiċjenti l-isfidi ġeopolitiċi attwali u dawk futuri, it-triju ser ikompli jimplimenta azzjonijiet, inkluż iċ-ċiberdiplomazija u d-diplomazija diġitali. Meta jitqiesu l-għadd u l-varjetà dejjem akbar ta' theddid ċibernetiku, it-triju ser jaħdem biex isaħħaħ ir-reżiljenza ċibernetika tal-UE u biex jiżviluppa approċċ komprensiv għaċ-ċibersigurtà. Barra minn hekk, ser ssir enfasi biex jiġi żgurat li l-Unjoni tkun tista' tgawdi l-benefiċċji kollha tat-tranżizzjoni diġitali b'mod ġust u sostenibbli għaċ-ċittadini u n-negozji kollha, b'approċċ ċar iċċentrat fuq il-bniedem, f'Suq Uniku Diġitali li jiffunzjona tajjeb.

Nippromwovu ambjent li jiffavorixxi l-innovazzjoni u n-negozju

It-triju ser ikompli jaħdem biex jagħti spinta lill-kapaċità tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-Ewropa fit-teknoloġiji emerġenti u abilitanti, jattira u jżomm it-talent, u jikseb saħħa industrijali f'setturi ewlenin, li jinkludu d-difiża, l-ispazju, l-intelliġenza artifiċjali, it-teknoloġiji kwantistiċi, is-semikondutturi, il-5G/6G, is-saħħa, il-bijoteknoloġiji, it-teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti, il-mobbiltà, il-farmaċewtiċi, is-sustanzi kimiċi u l-materjali avvanzati. It-triju ser ikompli bl-isforzi biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni internament u globalment biex tiġi ssalvagwardata l-kompetizzjoni ġusta, kif ukoll biex tiġi prevista s-sikurezza tal-prodotti li jidħlu fis-Suq Uniku.

It-triju huwa impenjat favur regolamentazzjoni aħjar u ser jaħdem biex inaqqas il-piż burokratiku u regolatorju, inkluż l-obbligi ta' rapportar, u biex jirriforma l-proċessi amministrattivi għan-negozji, b'mod partikolari għall-SMEs u n-negozji ġodda. Barra minn hekk, it-triju ser ikompli jiżviluppa approċċ integrat, koordinat u koerenti fl-oqsma kollha tal-politika u ser jagħfas speċjalment fuq l-implimentazzjoni tal-politiki li jiġu maqbula, inkluż billi jiffoka fuq valutazzjonijiet tal-impatt ta' kwalità għolja u f'waqthom.

Navvanzaw flimkien

It-triju ser jistinka biex jiżgura li kulħadd ikun jista' jaħtaf l-opportunitajiet offruti mit-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, u b'hekk ħadd ma jitħalla jibqa' lura. Għal dak l-għan, it-triju ser ikompli jiffoka fuq l-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali fil-livell tal-UE u dak nazzjonali, filwaqt li jirrispetta l-mudelli nazzjonali tas-suq tax-xogħol u l-kompetenzi nazzjonali. Dan ser ikollu l-għan li jindirizza n-nuqqas ta' ħaddiema u ta' hiliel fl-UE. F'dak ir-rigward, ser jippromwovi l-investment fil-hiliel, fit-taħriġ u fl-edukazzjoni tan-nies matul ħajjithom, filwaqt li jiżgura li kull persuna jkollha aċċess għal edukazzjoni, taħriġ u taġlim tul il-ħajja ta' kwalità għolja u inklużivi. It-triju ser jiffoka fuq kif jistgħu jitgawdew il-benefiċċji u jiġu indirizzati l-isfidi tal-użu aktar mifrux tal-intelliġenza artifiċjali (IA) fid-dinja tax-xogħol għall-ħaddiema u n-negozji. It-triju ser jistinka biex jipprovdi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u opportunitajiet indaqs għal kulħadd, biex isaħħaħ id-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv, u biex isegwi politiki li jnaqqsu l-inugwaljanzi fil-livelli kollha. Ser isegwi politiki li jrawmu l-inklużjoni soċjali, l-aċċess għas-servizzi soċjali u l-akkomodazzjoni affordabbli. Ser jitkomplew l-isforzi biex jiżdied l-impjieg taż-żgħażaġh, biex l-anzjani jingħataw is-setgħa biex jibqgħu attivi għal żmien itwal, u biex il-gruppi f'sitwazzjonijiet vulnerabbli jiġu integrati fis-suq tax-xogħol, filwaqt li tiġi ffaċilitata l-mobbiltà tal-forza tax-xogħol.

Ser inkomplu nsaħħu l-kooperazzjoni fil-qasam tas-saħħa permezz tal-Unjoni Ewropea tas-Saħħa, ir-reżiljenza u c-cybersigurtà tas-sistemi tas-saħħa u aċċess imtejjeb għall-mediċini u l-apparati mediċi essenzjali kollha madwar l-Unjoni, filwaqt li niżguraw settur farmaċewtiku kompetittiv fl-UE. Dan jgħinna nibnu soċjetà tal-lonġevità b'saħħitha, biex inżommu s-sistemi ta' protezzjoni soċjali u l-ekonomija tagħna sostenibbli, u biex intejbu l-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini tagħna. Bi tħejjija għall-futur, ser nieħdu azzjoni xierqa biex nindirizzaw ix-xejriet demografiċi. B'mod ġenerali, it-triju ser jagħti attenzjoni speċjali liż-żieda tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, bl-għan ta' konverġenza kontinwa 'l fuq, sabiex jitnaqqsu d-disparitajiet u jiġi stimulat it-tkabbir fit-tul fl-Unjoni kollha.

IV. EWROPA ĦIELSA U DEMOKRATIKA

Nirrispettaw il-valuri Ewropej fl-UE

It-triju jagħti importanza kbira lill-promozzjoni u s-salvagwardja tal-valuri fundamentali tal-Unjoni Ewropea: ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi.

Dawn il-valuri huma essenzjali għall-funzjonament tal-UE u jservu bħala l-bażi għall-kooperazzjoni tagħna, inkluż l-applikazzjoni effettiva tad-dritt tal-UE u l-funzjonament tajjeb tas-suq intern.

It-triju ser jagħmel l-almu tiegħu biex jiżgura media ħielsa u pluralistika u jħares il-libertà online, inkluż billi jiġġieled kontra d-diżinformazzjoni, jipproteġi lis-soċjetà ċivili, jindirizza l-interferenza minn barranin, jiżgura trasparenza akbar u jiġġieled kontra d-destabilizzazzjoni inkluż dik li ssir permezz ta' diżinformazzjoni u diskors ta' mibegħda, isaħħaħ id-diskors demokratiku u jiżgura li l-pjattaformi teknoloġiċi ewlenin jerfgħu r-responsabbiltà għas-salvagwardja tad-djalogu demokratiku u l-protezzjoni tal-minorenni minn kontenut ta' ħsara online, u jipprevjeni l-abbuż ta' dawn il-pjattaformi għal skopijiet kriminali. It-triju huwa impenjat li jkompli jappoġġa d-diversità kulturali u s-setturi kulturali u kreattivi, li jaqdu rwol importanti fit-trawwim tad-demokrazija u tal-valuri Ewropej.

Ser tingħata attenzjoni speċjali wkoll lill-ġlieda kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru, id-diskors ta' mibegħda, il-ksenofobija, id-diskriminazzjoni bbażata fuq ir-reliġjon jew it-twemmin, u l-implimentazzjoni sħiħa tal-aġenda dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà.

Peress li l-aċċess effiċjenti għall-ġustizzja huwa wieħed mill-elementi essenzjali tat-tisħiħ tal-libertà u tad-demokrazija, it-triju ser jappoġġa l-attivitajiet kollha li jiffaċilitawh.